# ... Tal-Kavallier jew Tas-Sinjura?

Kitba ta'
Stephen Camilleri
B. Com., B. Accty.
(Hons).

*"Flores Mulcent Auræ Educat Imber"* - "Iż-żiffa tmelles il-fjuri, ix-xita tkabbarhom". Dan kien il-motto li l-Granmastru Vilhena nniffsu ta lill-Floriana meta ħa l-maġistratura tal-gżejjer Maltin fl-1722, u tefa' fuqha l-attenzjoni u l-impenn kollu tiegħu. U dan tabilħaqq, għax il-Vilhena bena djar, istituzzjonijiet u sebbaħ il-Floriana bl-aħjar mod li seta'. Ta' dan il-Floriana irringrazzjatu billi f'isimha stess iġġib l-isem ta' dan il-bniedem hekk ħabrieki - Borgo Vilhena. Il-Floriana ssebħet bil-bini u bil-kwantita kbira ta' ġonna li jdawruha. Preżentement, wieħed jista' jgħodd 'l fuq minn għaxar ġonna fil-Floriana, minbarra spazji miftuħin oħra bħal pjazzetti u diversi fosos mxerrdin 'l hawn u 'l hemm. Dan il-fatt jagħmel mill-Floriana, subborg hekk ċkejken, l-aktar belt jew subborg f'Malta bi spazji miftuħa. F'dan l-artiklu ser niddeskrivi ġnien li, forsi ħafna Furjaniżi qatt ma daħlu fih, jew li nkella ftit li xejn jafu fuq l-istorja u l-oriġini tiegħu.



**Id-daħla tal-ġnien Sa Maison**

Meta wieħed ikun tiela' t-telgħa ta' Sa Maison, li minn tal-Pieta' twasslek ħdejn il-kwartieri ġenerali tal-pulizija, eżattament f'nofsha wieħed isib kanċell żgħir li jdaħħlek fi ġnien kbir u sabiħ, li l-entratura tiegħu tostor kompletament il-kobor u l-ġmiel tiegħu. Dan il-ġnien huwa l-ġnien ta' Sa Maison, jew inkella kif magħruf popolarment bħala l- "Ġnien tal-Milorda".



**Il-Gardjola li tinsab f'dan il-ġnien**

Dan il-ġnien jinqasam fi tliet partijiet prinċipali. Il-parti ta' fuq, li trid titla' għaliha b'rampa wieqfa tieħdok għal ħdejn il-gardjola li tiġi eżattament fejn isorġi l-vapur t'Għawdex kif tispiċċa n-niżla ta' Sa Maison. Minn din il-gardjola, wieħed jista' jammira s-sbuħija tal-port ta' Marsamxett. Ta' min jgħid li wieħed jista' jinnota wkoll gardjola oħra fis-swar aktar 'l ġewwa fis-swar tal-belt. L-iskop ta' dawn il-Gardjoli kien li l-għases jinfurmaw lil xulxin permezz ta' sinjali f'każ ta' xi attakk mill-għadu li jkun fuq ix-xefaq tal-baħar. B'hekk jingħata s-sinjal biex jingħalqu l-bibien tal-Floriana u l-Belt u n-nies jistkennu fis-swar.



**Il-veduta tal-port ta' Marsamxett kif tidher mit-tieqa tal-Gardjola**



Il-parti tan-nofs tal-ġnien

Minn din il-gardjola, wieħed jista' jammira l-yacht marina ta' l-Imsida u Ta' Xbiex. Wieħed jista' jara veduta, mhux biss tal-port, imma wkoll ta' medda kbira ta' art li twassal sal-Għargħur. Dan il-fatt juri l-kapaċita' tal-kavallieri biex jagħrfu l-punti strateġiċi l-aktar importanti minn fejn parti kbira mill-gżira tista' tiġi mħarsa. Ma rridux ninsew li meta nbnew dawn is-swar il-bini 'l barra mis-swar kien rari għajr xi razzet 'l hawn u 'l hemm. B'hekk, invażjoni li llum diffiċli tinduna biha minħabba l-bini mifrux ma' kullimkien, dak iż-żmien wieħed kien jista' josservaha tajjeb ħafna minħabba li ma kienx hemm bini fin-nofs xi jtellef.

Il-parti tan-nofs tal-ġnien ta' Sa Maison hija forma ta' kuritur b'siġar għoljin li wieħed jidħol fiha mill-bieb prinċipali. Dawn is-siġar joħolqu atmosfera ta' seħer u misteru minħabba li x-xemx tinżel minn bejn il-weraq f'ċerti partijiet biss u toħloq ħafna dellijiet.



Dehra tal-parti t'isfel tal-ġnien, dak li kien il-ġnien privat tal-kavallier

Mill-parti tan-nofs, wieħed jista' jinżel taraġ għal dak li huwa l-ġnien proprju. Din il-parti hija ferm sabiħa. Għalkemm fi stat miżeru ħafna, wieħed jista' jinnota li dan kien ġnien miżmum fi stat nobbli u li fih kienu saru investimenti kbar fis-sekli li għaddew. Dan minħabba n-numru ta' statwi, funtani u siġar li jsebbħu dan il-ġnien. Ħasra li llum dawn jinsabu mitluqin bla ebda kura u interess.



Is-sinjal fejn kienet għaddejja l-katusa ta' l-ilma minn fuq il-bejt tad-dar għal ġol-ġnien

Il-ġnien ta' Sa Maison nbena f'nofs is-seklu tmintax mill-kavallier Caille Maison taħt is-sur ta' San Salvatur. L-iskop tal-bini ta' dan il-ġnien kien loġġa minn fejn jisparaw fuq l-għadu f'każ ta' xi attakk. Din il-loġġa twaqqgħet mal-wasla ta' l-Ingliżi fl-1829, minħabba li dawn beżgħu li l-loġġa tista' ttellef il-viżibilità mis-swar tal-Belt. Minbarra din il-loġġa, il-kavallier Maison kellu wkoll ir-residenza tiegħu fejn illum insibu l-kuritur twil kif wieħed jidħol fil-ġnien. Il-ġnien innifsu (il-parti t'isfel) kien il-ġnein privat ta' din id-dar tal-kavallier. Xhieda tal-fatt li ma' dan il-ġnien kien hemm ir-residenza tal-kavallier huma s-sinjali tal-ħnejjiet li kienu jiffurmaw parti mis-saqaf tax-xorok. Xhieda oħra tad-dar hija l-katusa ta' l-ilma li minn fuq il-bejt tad-dar kienet twassal għall-ġnien. Din, għalkemm m'għadhiex teżisti, it-trinka minn fejn kienet tgħaddi għadha tidher, u jidher ċar ħafna li minn fuq il-bejt tad-dar, kienet tferra' għall-ewwel parti tal-ġnien tal-villa (fejn tidħol bejn żewġ ħitan għall-parti t'isfel tal-ġnien). Jingħad li fi żmien l-ordni dan il-ġnien kienu jiltaqgħu fih il-mażuni (għaqda ta' bennejja u skulturi fil-ġebel li jivvjaġġaw ħafna u jiltaqgħu bejniethom b'mod sigriet). Dan nafuh minħabba li nsibu dokumentat żjara li saritilhom mill-Konti Kollowrath tal-Boemja fl-1783.



Il-ħofor fil-blat li għadhom juru fejn kienu ngastati l-ħnejjiet li kienu jżommu s-saqaf tax-xorok tad-dar



Dehra oħra ta' linja mħaffra fil-blat fejn darba kien is-saqaf tad-dar

Ikompli minn paġna 43

**Storja**

Mal-wasla ta' l-Ingliżi, sa Maison kien iservi ta' residenza għall-Gvernatur ta' Malta fejn kellu d-dar tiegħu. Fl-1842, il-ġnien inkera lil Lady Julia Lockwood għas-somma ta' £40 fis-sena li mbagħad żdiedet għal £50 fis-sena. Din is-sinjura biddlet id-dar u l-ġnien f'post ta' sbuħija kbira. Hija ħawlet pjanti u siġar eżotiċi, bniet statwi, funtani u ornamenti oħra bit-tir li xi darba tixtri l-post u b'hekk isir il-propjeta' tagħha. Madankollu, dejjem kellha l-biża' li l-awtoritajiet jirrekwiżizzjonawlha l-post. Din il-biża' ma' kenitx fl-ajru għax fl-1852, l-awtoritajiet talbuha biex tħalli l-post. Għalkemm għamlet diversi protesti biex titħalla hemm, kien kollu għalxejn. Is-sinjura għamlet talba biex tiġi rifonduta l-ispejjeż li kienet ħarġet f'ornamenti, siġar, manutenżjoni u estensjonijiet fid-dar li kienu jammontaw għal-£500, madankollu l-gvern taha biss £100 ta' l-ispejjeż kollha li għamlet. Fl-1856 il-post kien taħt l-awtoritajiet militari Ingliżi.



Dik li darba kienet funtana illum imtliet bil-ħamrija u tinsab fi stat tal-biki

Ta' min wieħed jagħmel nota dwar l-isem ta' dan il-ġnien f'dan il-punt. Kif inħobbu nagħmlu aħna l-Maltin, speċjalment fl-antik fejn il-livell edukattiv kien baxx ħafna, l-ismijiet kienu jiġu mfarrkin aktar ma jgħaddi żmien. Peress li l-ġnien nbena mill-kavallier kunjomu Maison, in-nies kienu jgħidulu l-ġnien ta' Maison. Peress li mbagħad id-dar saret ir-residenza tal-Milorda Lady Julia, il-post beda jissejjaħ il-ġnien (jew id-dar) tal-Milorda. B'kumbinazzjoni, il-kelma 'dar' bil-Franċiż hija 'Maison'. In-nies, li ma kellhomx skola, bdew iħawdu l-isem tal-Kavallier Maison mal-kelma li bil-franċiż tfisser dar - Maison. Allura l-ġnien beda jissejjaħ - Sa Maison li bil-franċiż tfisser 'id-dar tagħha'. Għalkemm din tidher taħwida bil-kliem li għamlu missirijietna, l-isem 'Sa Maison' jibqa' jfakkarna sew fl-istorja tal-ġnien. Jurina li bnieh il-kavallier Maison, u jurina wkoll li kien id-dar ta' mara Sinjura.

Nota oħra li importanti nagħmlu hija fuq is-sinjura. Fil-passat kien hawn ħafna għajdut li fil-ġnien tidher xi ruħ ta' sinjura. Din kienet daħlet b'għajdut li kien jgħid li l-Milorda kienet inqatlet fil-ġnien u allura ruħha għadha tiġġerra fih. Fl-opinjoni tiegħi, dan l-għajdut juri tliet affarijiet. L-ewwel ħaġa, li s-sinjura kienet stmata ħafna fil-Floriana u li kellha qalbha tajba - tant li kienu jsejħulha "Milorda". In-nies tant iddispjaċihom li s-sinjura tkeċċiet mill-ġnien li ħarġu l-għajdut li nqatlet hemm. Dan huwa mod kif setgħu jissimpatizzaw ruħhom magħha għal dan il-fatt u jħossu għal dan l-att inġust li ġarrbet mill-gvern Ingliż. Dan juri wkoll kif aħna l-Maltin indawru d-diskors u nkabbru l-affarjiet - ħaġa li għadha tiġri fit-toroq tagħna kuljum. Dan l-għajdut nibet ukoll, fl-opinjoni tiegħi, minħabba l-fatt li l-ġnien huwa kwiet ħafna u s-siġar twal jagħtuk impressjoni ta' seħer u misteru, allura kien faċli ħafna li wieħed jimmaġina xena ta' delitt iseħħ f'dan il-ġnien, jew id-dehra ta' xi ruħ, speċjalment bil-mentalità superstizzjuża ta' dak iż-żmien. Biex l-affarijiet ikomplu jikkomplikaw ruħhom, il-fatt li l-ġnien kien iservi fi żmien il-kavallieri bħala loġġa għall-mażuni jkomplu jagħmluh post misterjuż u misħut, li fih ħadd ma kellu jersaq. din il-leġġenda tad-delitt żgur li turi l-ħsieb u s-simpatija tal-Furjaniżi lejn din is-sinjura. Madankollu ma nsibu bl-ebda mod dokumentat xi delitt jew viżjoni li setgħet seħħet f'dan il-ġnien.



Il-fdalijiet ta' statwa orjentali li saret mill-Milorda meta l-ġnien u d-dar kienu f'idejha

Meta l-awtoritajiet militari Ingliżi ħadu l-ġnien f'idejhom, ir-reġimenti stazzjonati fil-Floriana kellhom l-inkarigu li jieħdu ħsieb il-ġnien. Kien fi żmien l-okkupazzjoni tas-suldati Ingliżi li tnaqqxu b'sengħa kbira fis-swar, l-armi tar-riġmenti li wieħed għadu jista' jara sal-lum. Dawn is-suldati li kienu jkunu stazzjonati hemm kien ikollhom il-ħin liberu, u f'dan il-ħin, bħala mogħdija ta' żmien kienu jnaqqxu l-arma tar-riġment tagħhom li kull waħda minnhom għandha storja sħiħa warajha. Dawn l-armi llum huma monumenti, għalkemm forsi għal dak iż-żmien kienu meqjusin bħala atti ta' vandaliżmu. Importanti ħafna li jekk xi darba ssir xi manutenzjoni fil-ġnien, dawn l-armi ma jitneħħewx, anżi jiġu rrestawrati għaliex dawn iffakkruna fiż-żmien meta l-Floriana kienet tkun mimlija bil-baħrin u s-suldati Ingliżi.

Haġa imponenti ħafna li wieħed jinnota f'dan il-gnien, anki mit-triq ta' l-Imsida int u dieħel il-Belt hija l-arkata mmensa fis-swar li ħafna ma jafux li tinsab propjament fil-parti t'isfel f'dan il-



**Xi armi tar-riġmenti tas-suldati li kienu stazzjonati fil-ġnien meta dan sar propjetà tal-militar Ingliż li nsibu minquxin fis-swar**

ġnien. Din l-arkata nbniet minn Giovanni Barbara, li kien jassisti lill-inġinier militari Pietro Floriani, fid-disinn tas-swar tal-Floriana, li minnu l-Floriana ħadet isimha. Din l-arkata kienet twassal għal bieb ieħor li kellu dan il-ġnien. Dan il-bieb kien jiġi eżatt ħdejn l-Ospizio, il-post fejn illum hemm l-iskola tas-snajja' fl-inħawi tad-dipartiment tat-taxxi interni. Minn hemm, naturalment, imbagħad wieħed seta' jidħol fil-Floriana mill-bieb tal-Polverista, wieħed mill-entraturi fis-swar għall-Floriana, li ddeskrivejt fl-artiklu tas-sena l-oħra. Ħasra li din il-mina ġarrbet ħsarat fil-gwerra u għada magħluqa sal-lum.



**L-arkata l-kbira fis-swar li kienet twassal għall-entratura l-oħra tal-ġnien ħdejn l-iskola tas-snajja', illum magħluqa**

Din il-parti t'isfel tal-ġnien għandha bosta statwi tal-ġebel u monumenti żgħar oħra li kollha jinsabu fi stat ħażin ħafna. Fost dawn insibu nofs statwa ta' mara bi lbies orjentali. Haġa interessanti ħafna huwa mudell tal-ġebel ta' fortizza ddedikata lill-Pompadours (1889) u l-motto bil-Latin: "Montis Insignia Calpe". Ta' interess kbir hija wkoll il-funtana ta' tliet iljuni, li kull wieħed minnhom qed iżomm tarka. Dawn l-iljuni huma lkoll mikulin biż-żmien u dik li kienet il-funtana, llum imtliet bil-ħamrija - ħasra kbira. Fil-ġnien insibu vaska oħra ftit metri 'l bogħod li bħal ta' qabilha tinsab fi stat ħażin ħafna.



**Il-kastell tal-ġebel tifkira tal-Pompadours fl-1889**

Hija ħasra li ġnien bħal dan qatt ma ngħata l-importanza u l-attenzjoni li tixraqlu. Wieħed jifhem il-fatt li l-ispejjeż biex jiġi rrestawrat huma kbar ħafna. Madankollu, l-anqas li wieħed jistenna meta wieħed jidħol fih, speċjalment fil-parti t'isfel, l-aktar parti storika u l-aktar parti abbandunata, hu li jinduna fejn huma l-passaġġi u fejn hija l-ħamrija fil-ġnien. Dan għaliex fl-istat preżenti



wieħed ma jiddistingwix faċilment wieħed mill-ieħor minħabba l-ammont kbir ta' ħaxix li hemm ma' kullimkien. L-anqas li jista' jsir huwa ftit tindif u żbir ta' ħaxix ħażin. B'hekk għallinqas inkunu nistgħu nibdew proċessi aktar delikati ta' restawr.

Ħafna drabi, il-finanzi huma l-akbar problema għal proġetti bħal dawn. Tajjeb li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jafu x'inhuma l-bżonnijiet u x'fondi hemm disponibbli. Peress li Malta hija membru ta' l-UE, nistgħu nibbenefikaw minn diversi fondi għal skopijiet ta' restawr. Hija ħasra li ħafna organizzazzjonijiet f'Malta, anki pubbliċi, ftit ħafna jafu fuq din il-possibilità li minnha Malta tista' tibbenifika. Fil-fatt l-UE għandha 'l fuq minn sebgħin skema ta' fondi għal restawr, fejn tibgħat anki restawraturi barranin. Naturalment, l-iffinanzjar ta' dawn il-proġetti ma jkunx totalment mill-UE, Malta jkollha toħroġ xi ftit fondi hi wkoll, madankollu, ħafna drabi, dan huwa ta' min jagħmlu għax il-benefiċċji akkwistati huma ħafna akbar minn dak li wieħed ikun ħareġ.



Il-wirt storika tagħna vandalizzat u mitluq

Bħal ma spiċċajt l-artiklu tas-sena l-oħra, nerġa' nħeġġeġ lilna l-Furjaniżi biex nieħdu interess fl-ambjent li jdawwarna ta' kuljum u ma nibqgħux passivi. Tajjeb li nistaqsu dwar kull oġġett li għandna fil-lokalità: "Għaliex qiegħed hemm?, Għalfejn inbena? eċċ." Ma ninsewx li l-Floriana għandha storja twila u intensiva, u kull ħaġa, żgħira kemm hi żgħira, hija monument bi storja twila li għandha ħafna x'tgħidilna jekk nagħtuha ċ-ċans. Jekk nifhmu l-ambjent ta' madwarna u l-iskop li għalih jinsab kif inhu, żgur li napprezzawh aktar, u nagħmlu kull sagrifiċċju biex inħarsuh u nsebbħuh: sew bħala individwi, bħala lokalità u bħala pajjiż.

**Biblijografija:**

*Final Focus on Floriana*, Emmanuel S. Tonna, 1979
*First Focus on Floriana*, Emmanuel S. Tonna, Progress Press Co. Ltd., Valletta, 1967
*Report on the government plot at Sa Maison Nursery adopted by the Natural History Society of Malta for the conservation of local flora to form a living herbarium*, Guido Lanfranco, Natural History Society of Malta, 1976
The Public Gardens and Groves of Malta and Gozo, Joseph Borg, 1990
*EU Funding for the Restoration and Conservation of Artistic Works in Maltese Churches - An Evaluation,* Stephen M. Camilleri, University of Malta, 2004.